TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 342/11 (JE).

Loren Cachia

vs

Renato Grisctí.

Illum, 29 ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Loren Cachia tas-17 ta' Awwissu 2011 fejn stqarr illi huwa mar għal trattament tal-IPL tlett darbiet għand "Derma Tec Health and Beauty" u kellu jissokta (sic) it-trattament fuq parir tad-dermatoloġista Dr Eileen Borg peress illi ma setax jissapporti l-uġiegħ u ħruq li kellu f'sidru. Għaldaqstant, kellu jieħu t-trattament preskritt. Il-konvenut rrakkomandalu li jmur għand tabib u kien lest li jħallas għall-vista. L-attur waqqaf it-trattament għax ġieħ id-dubju dwar il-kwalifiki tal-konvenut u talab ir-radd tal-flus li kien ħallas u kumpens.

Ra r-risposta tal-konvenut illi fiha stqarr illi t-trattament tal-IPL jsir skont is-sensitività tal-klijent li jrid jgħid eżatt x'inhu jħoss u s-settings jiġu rranġati sakemm il-klijent iħoss saħna flimkien ma tingiż. Il-konvenut qal li saqsa lill-attur kemm il-darba jekk iridx illi jbaxxi s-settings imma l-attur qatt ma waqfu u qallu biex ikompli għax hu jgħaġġibhom. Il-konvenut sostna ukoll illi qabel it-trattament, spjega s-side-effects lill-attur li aċċetta u ffirma l-"consent form". Il-konvenut stqarr ukoll illi t-trattament fuq is-Sur Cachia sar kemm bl-użu ta' ġel u anke bl-użu ta' iċe packs u qatt ma kien hemm sintomi ta' ħruq ħlief darba fis-17 ta' Mejju 2011.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi t-tabiba Eileen Borg, prodotta mill-istess attur, xehdet illi l-attur mar għandha xi darbtejn imma ma tista' tagħmel xejn dwar il-marki li għad għandu l-attur wara t-trattament in kwistjoni. Hija ddeskriviet dawn il-marki bħala ta' "entità moderata", li ma jikkawżawx xi

periklu għal saħħet l-attur u biż-żmien, jistgħu jmorru. Qalet ukoll illi l-attur fil-preżent m'hux qed jieħu trattament.

Illi rriżulta ukoll illi l-attur kien konxju mir-riskji ta' dan it-trattament u anke ffirma "consent form" li ġie ppreżentat bħala Dok. "RG". Fost l-affarijiet oħra, l-attur aċċetta illi "serious complications are very rare, but possible.", "pigment changes (like (sic) or dark spots on the skin) lasting 1 – 6 months or longer may occur." u "Other potential risks including blistering, crusting, itching, pain, bruising, skin whitening, burns, infections, scabbing, scarring, swelling and failure to achieve the desired result." Il-konvenut ikkonferma ukoll bil-ġurament tiegħu illi spjega lill-attur il-konsegwenzi potenzjali tat-trattament qabel ma talab lill-attur jiffirma dina l-"consent form". Ġie stabilit ukoll illi l-attur aċċetta ċertu livell ta' ħruq waqt it-trattament u ta struzzjonijiet lill-konvenut sabiex jissokta bit-trattament peress illu hu "jgħaġġibhom iżżejjed".

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal iħoss illi l-ilment ta' l-attur m'għandu l-ebda mertu peress illi huwa l-konsegwenza ta' trattament illi min-natura tiegħu huwa riskjuż, liema riskju l-attur kien konsapevoli minnu, u għaldaqstant, qed jiċħad it-talba tiegħu bl-ispejjeż kontrih.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.